**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 9 ta' Novembru 2001**

**Numru 19**
**Citaz. Nru. 2319/96 FDP**

**Formosa & Camilleri Ltd. bhala agenti Malta tas-socjeta` Guardian Raoyal Exchange Assurance plc *proprio* u kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Michael Attard Limited**
**Vs**
**1. Seamalta Company Limited**
**2. The Cargo Handling Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni tat-8 ta' Lulju 1996 fejn gie premess:-

Illi fid-9 ta' Ottubru 1995 is-socjeta` Michael Attard Ltd. importat gewwa Malta fuq il-bastiment M.V. Pinto, konsenja ta' 59 vettura Peugeot;

Illi din il-konsenja giet ikkonsenjata lill-assikurat ta' l-attur bid-danni spjegati fid-Dok. A (*survey report*);

Illi ai termini tal-polza ta' Assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b'hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet ta' l-istess assigurat;

Illi l-attur *nomine* jikkwantifika id-danni u nuqqasijiet riportati fil-merkanzija tal-assigurat tieghu fl-ammont ta' tlett mija u sitta u ghoxrin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm326.51) li maghhom jizdied l-ammont ta' sitta u hamsin lira (Lm56) bhala *survey fee* ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta' tlett mija u tnejn u tmenin lira u wiehed u hamsin centezmu (Lm382.51);

Illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghal dawn id-danni;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni u nuqqasijiet fil-merkanzija ta' l-assigurat ta' l-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta' Lm382.51;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm382.51 bhala danni sofferti mill-attur li ghalihom huma responsabbli il-konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez u interessi legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra il-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda indikati u l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-soejeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut nomine huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-merkanzija "*de quo*" giet sbarkata minn fuq il-vapur bil-hsara kif jirrizulta mill-Joint Tally Sheets Nru. 83095;

2. Illi fit-tieni lok il-konvenut Godwin Abela nomine jissolleva li ma kienx fi kwalinkwe kaz risponsabbli ghal kwalinkwe hsarat u nuqqas allegati mis-socjeta` attrici u dana ai termini tar-Regolament Nru. 86 dwar il-Portijiet ta' l-1966;

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall premess ghandha tigi esebita l-polza ta' assigurazzjoni li a bazi taghha qed jigi allegat

li sar il-hlas lill-importatur u ghandu jigi esebit ukoll ic-cheque li bih sar il-pagament;

4. Illi fir-raba` lok u bla pregudizzju ghall premess ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghal ammont ta' Lm326.51,0 bhala allegati danni;

5. Illi dwar is-survey fees hemm diversi sentenzi li jghidu li tali fees mhux dovuti peress li l-attur ma giex surrogat ghall-istess u ghalhekk il-konvenuit Godwin Abela et noe jirreferu ghas-sentenza (DR. ROBERT STAINES VS GODWIN ABELA ET NOE – 6.4.92 -CITAZ. NRU. 112/86) u (DR ROBERT STAINES VS JOS. APPS NOE ET - KJF 201/92 - deciza 25.4.1995);

6. Illi ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966, (Amended by Legal Notice 28/73) u dan l-Artikoku jezemi ovvjament lis-socjeta` konvenuta minn kull risponsabilita;

7. Illi wkoll a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13 ta' l-1965,tali merkanzija l-importatur jaf li tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk anke f'dan il-kaz is-socjeta` konventua mhux risponsabbli (KF 15. 11.93 - RAY MICALLEF VS GODWIN ABELA - CITAZ. NRU. 1365/84 F. - AK 16.3.92 - REGINALD MICALLEF VS GODWIN ABELA – CITAZ. NRU. 1094/84);

8. Illi fis-seba' lok dwar l-imghax dan mhux dovut, anqas stante li s-socjeta` esponenti ma giet interpellata thallas ebda ammont determinat u qatt ma giet surrogata fl-interessi mill-assigurat taghha u dan iktar u iktar meta s-socjeta` esponenti m'ghandha ebda relazzjoni

mas-socjeta` attrici hlief tramite polza. (KAM 4.11.94. - J. GERADA VS GODWIN ABELA - Citaz Nru. 1275/91);

9. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra l-attur;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Godwin Abela ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess socjeta` konvenuta The Cargo Handling Co Ltd, il-lista tax-xhieda indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta Sea Malta Company Limited fejn gie eecepit:-

Illi fl-ewwel lok il-klawsola ta' l-esoneru kontenuta fil-poloz tal-karigu relattivi u cioe` li "*Unprotected Motor Cars – Ship not responsible for damages and accessories*" u "*vessel not responsible for accessories and/or other goods left inside vehicles nor any interior damage to upholstery, fittings or accessories*";

Illi fit-tieni lok li danni reklamati ma jirrizultawx fl-ammont mitlub mit-*tally sheets*;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Joseph Apps ghan-nom u in rapprezentanza ta' l-istess soejeta` konvenuta, il-lista tax-xhieda indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta:

Rat l-atti koliha tal-process;

Ikkunsidrat:-

Illi s-socjeta` Michael Attard Limited importat numru ta' vetturi li waslu Malta fid-9 ta' Marzu 1995. Is-socjeta` attrici, li hija s-socjeta` assikuratrici tas-socjeta` Michael Attard Limited, a tenur tal-polza ta' assikurazzjoni ezistenti bejniethom, ghamlet tajjeb ghad-danni u nuqqasijiet li gew innutati fil-merkanzija ta' l-istess Michael Attard Limited meta dawn gew zbarkati Malta;

Illi is-socjeta` attrici, wara li giet surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurat taghha s-socjeta` Michael Attard Limited, intavolat din il-kawza kontra l-konvenuti jew min minnhom ghall-hlas ta' l-ammont li hija hallset is-socjeta`, u cioe` ghall-ammont ta' Lm382.51;

Illi l-Qorti tosserva li din il-kawza giet intavolata fit-8 ta' Lulju 1996 u taghmel riferenza ghal artiklu 22 ta' l-Att XXIV ta' l-1995, li huwa l-Att li jemenda l-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili, li permezz tieghu l-kompetenza tal-Qrati Inferjuri giet awmentata minn Lm250 ghal Lm1000. Dan l-artiklu gie fis-sehh fl-1 ta' Lulju 1996 permezz ta' l-Avviz Legali 105 ta' l-1996. Ghalhekk il-valur tas-sorte in kwistjoni jispetta, bhala kompetenza, lill-Qrati Inferjuri u mhux lill-Qorti odjerna. Il-Qorti taghmel riferenza ghal artiklu 32(3) tal-

Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jistipula li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma tihux konjizzjoni ta' kawzi tal-kompetenza tal-Qrati Inferjuri tal-Gzira ta' Malta;

Illi l-Qorti tosserva ukoll li l-ebda wahda mis-socjetajiet konvenuti ma eccepiet l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione valoris* u allura a tenur ta' artiklu 774(b) din il-Qorti ser tiddikjara, sua sponte, l-inkompetenza taghha.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti filwaqt li tirriserva lis-socjeta` attrici d-drittijiet kollha lilha kompetenti, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-kawza odjerna.

L-ispejjez jithallsu mis-socjeta` attrici.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur